**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 ta' Gunju 2018**

**Pulizija**

**Spettur Ian Joseph Abdilla**

**Spettur Anna Marie Micallef**

**Spettur Yvonne Farrugia**

**Vs**

**Michael Borg**

**Anthony Cremona**

**Shannon Cauchi**

**Robert Agius**

**Paul Anthony Pisani**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra **Michael Borg** ta' 38 sena, bin il-mejjet Carmelo u Carmen nee' Caruana, imwieled Pieta' fl-1 ta' Frar 1975, u li joqghod f'numru 26, Triq Salvatore Imbroll, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 98875M;

**Anthony Cremona** ta' 42 sena, bin Paul u Carmen nee' Azzopardi, imwieled Pieta' fil-11 ta' Gunju 1971 u li joqghod f'numru 33, Triq San Fidiel, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 238771M;

**Shannon Cauchi** ta' 23 sena, bin Gerald u Rosemarie nee' Ciantar, imwieled Pieta' fis-26 t'Awwissu 1989, u li joqghod f'numru 15, Trejqet San Pietru, Hamrun u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 388989M;

**Robert Agius** ta' 29 sena, bin il-mejjet Raymond u Paola nee' Zammit, imwieled Pieta' fid-29 ta' Ottubru 1983, u li joqghod f'Olive Court, Block B, Penthouse numru 11, Triq il-Bahhara, San Pawil il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 569383M; u

**Paul Anthony Pisani** ta' 42 sena, bin il-mejjet Stanislaus u Josephine nee' Spiteri, imwieled Melbourne, Victoria (Awstralja) fil-21 t'April 1971, u li joqghod f'Marylin, Triq il-Biedja, Safi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 464087M;

**Akkuzati talli:**

1) fil-11 ta' Lulju 2013, u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, kif ukoll barra minn dawn il- Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

    a) Ippromovew, ikkostitwew, organizzaw, jew iffinanzjaw ghaqda ta' zewg persuni jew aktar bil-hsieb li jaghmlu reati kriminali li ghalihom jistghu jehlu l-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew iktar (liema reati jinkludu kutrabandu ta' ssigaretti);

    b) U aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkostanzi, appartjenew ghal ghaqda msemmija fis-Subartikolu (1) ta' l-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana), akkuzati wkoll talli:**

2) Fil-11 ta' Lulju 2013, flimkien, bil-komplicita' u lko-operazzjoni ta' xulxin, kontra l-Ligi, zbarkaw u/jew kellhom x'jaqsmu f'illi jigu mportati jew imdahhla f'Malta kif ukoll gew fil-pussess u/jew laqghu ghandhom, zammew kif ukoll kellhom b'xi mod x'jaqsmu billi ghinu jew assistew fil-garr, twarrib, habi jew depost ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi iffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti li nstabu mill-Pulizija gewwa Santa Venera fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083, liema sigaretti kienu iddahhlu gewwa San Pawl il-bahar bil-bastiment *mv BLUE DOLPHIN* 1.

**Sigaretti misjuba fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083:**

- 99 kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna (Business Royals); u
- 4 kaxxi, b'50 kartuna kull kaxxa, b' 200 sigarett kull kartunia (Tradition).

B'valur ta' €29,870.00, Dazju ta' Importazzjoni ta' €17,205.12, Dazju tas-Sisa ta' €145,487.50, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €34,661.27, liema Dazju tas-Sisa, Dazju ta' Importazjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/ jew kawtelati;

**Fuq talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), akkuzati wkolla talli:**

3) Fil-11 ta' Lulju 2013, flimkien, bil-komplicita' u il-ko-operazzjoni ta' xulxin, kontra l-Ligi, zbarkaw u/jew kellhom x'jaqsmu f'illi jigu mportati jew imdahhla f'Malta kif ukoll gew fil-pussess u/jew laqghu ghandhom, zammew kif ukoll kellhom b'xi mod x'jaqsam billi ghinu jew assistew fil-garr, twarrib, habi jew depost ta' sigaretti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi iffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti li nstabu mill-Pulizija gewwa Santa Venera fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ 083, liema sigaretti kienu iddahhlu gewwa San Pawil il-Bahar bil-Bastiment *mv BLUE DOLPHIN 1.*

**Sigaretti misjuba fil-vettura Toyota Dyna bin-numru tar-registrazzjoni HQZ083:**

- 99 kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna (Business Royals); u
- 4 kaxxi, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna (Tradition).

b'Valur ta' €29,870.00, Dazju ta' Importazzjoni ta' €17,205.12, Dazju tas-Sisa ta' €145,487.50, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €34,661.27, liema Dazju tas-Sisa, Dazju ta' Importazjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

**Michael Borg akkuzat wahdu:**

4) Fuq tal-ba tad-**Direttur Generali (Dwana)**, talli fic-cirkostanzi fuq imsemmija, wara tfittxija li saret mill-Ufficjali tal-Pulizija, fil-15 ta' Lulju 2013 fuq il-bastiment bl-isem *mv BLUE DOLPHIN 1,* gewwa Ta' Kandja instab li, apparti is-sigaretti fuq imsemmija kellu x'jaqsam ukoll f'illi jigu mportati jew imdahhla f'Malta:
   - 4 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna (Business Royals)
   B'Valur ta' €23.20, Dazju ta' Importazzjoni ta' €13.36, Dazju tas-Sisa ta' €113.00, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €26.92, liema Dazju tas-Sisa, id-Dazju ta' Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

5) Fuq talba tad-**Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjed)**, talli fic-cirkostanzi fuq imsemmija, wara tfittxija li saret mill-Ufficjal tal-Pulizija, fil-15 ta' Lulju 2013 fuq il-bastiment bl-isem *mv BLUE DOLPHIN 1,* GEWWA Ta' Kandja instab li, apparti is-sigaretti fuq imsemmija kellu x'jaqsam ukoll f'illi jigu mportati jew imdahhla f'Malta:
   - 4 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna (Business Royals)
   B'Valur ta' €23.20, Dazju ta' Importazzjoni ta' €13.36, Dazju tas-Sisa ta' €113.00, u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) ta' €26.92, liema Dazju tas-Sisa, id-Dazju ta' Importazzjoni u t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (V.A.T.) dovuti fuq dawn is-sigaretti ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;

6) Fuq talba tad-**Direttur tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura**, talli fil-11 ta' Lulju 2013, u fil-granet ta' qabel, il-bastiment tal-kategorija long liner bl-isem ta' Blue Dolphin I, bin-numru ta' l-identifikazzjoni MFA8053, li jtajjar bandiera Maltija u li l-kaptan tieghu huwa l-istess Michael Borg, li huwa wkoll sid il-bastiment, kien involut f'illegalitajiet li ghat-tharis kontrihom responsabbli huwa responsabbli dan id-Dipartiment.

7) Tali attivitajiet involuti huma illegali stante l-provvedimenti tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 425 u tar-Regolamenti 3 u 4 tal-L.S. 425.08, u dan peress li nstabu abbord disa' hutiet tat-tip pixxispad b'rashom maqtghuha u dan bi ksur tal-artikoli 7 u 8 tal-2011-03, RECOMMENDATION BY ICCAT FOR MANAGEMENT MEASURES FOR MEDITERRANEAN SWORDFISH IN THE FRAMEWORK OF ICCAT, kif ukoll bi ksur ta' kondizzjoni imposta mid-Dipartiment permezz ta' *"Permess tas-sajd specjali ghall-konz tal-pixxispad"* ghal perjodi fis-sena 2013 fir-rigward tad-daqs u/jew it-tul tal-pixxispad.

8) Wkoll talli, id-Dipartiment la gie notifikat li l-bastiment hiereg ghas-sajd u lanqas ma gie informat li l-bastiment kien diehel lura l-port kif kellu jaghmel 4 sieghat qabel jidhol il-port, u dan kif huwa obbligu li jsir skond il-permess surriferit u l-kondizzjonijiet tieghu.

9) U b'hekk l-imputat **Sannon Cauchi** kiser ordni ta' Probation, meta wettaq reat fi zmien il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' Probation, hekk kif ikkontemplat f'Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' malta, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell, liema sentenza saret definittiva u ma tistax jigi mibdula;

10) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis* id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti;

12) Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-Pulizija kienet irceviet informazzjoni li fil-lejl bejn l-!0 u l-11 ta' Lulju 2013, kienet ser tiddahhal Malta konsenja ta' sigaretti bil-kuntrabandu minn fuq il-bahar. Ghalhekk gew allertati diversi skwadri tal-Pulizija, fosthom tal-ALE u tal-RIU sabiex issir operazzjoni bejniethom u jinqabdu l-persuni

koncernati. Dak il-lejl intlemhet dghajsa tas-sajd bl-isem ‘Blue Dolphin I’ gejja mid-direzzjoni t’Ghawdex niezla fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar u waqfet mal-moll ta’ Ghajn Fekruna. Hemmhekk intlemhu persuni fuq id-dghajsa jhottu kwantita’ ta’ kaxex ghal fuq l-art, fejn kien hemm zewg persuni ohra u vann kbir abjad. Dawn il-kaxxi tqieghdu fil-vann. F’dak il-hin intervjenew il-Pulizija minn fuq il-bahar, u intercettaw id-dghajsa. Il-persuni ta’ fejn il-vann dahlu fih u saqu ‘l hemm, u telqu minn fuq il-post. Dan il-vann gie intercettat aktar tard dak il-lejl, fejn instab li kien gie misjuq minn Anthony Cremona u mieghu kien hemm riekeb passiggier Shannon Cauchi. Fil-vann instabu kwantita’ ta’ kaxxi mghottija fi plastic iswed. Abbord id-dghajsa kien hemm Michael Borg u persuna ta’ nazzjonalita’ Indonesjana bl-isem ta’ Kusnodo. Dawn il-persuni gew arrestati u ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Minn investigazzjonijiet ulterjuri l-Pulizija waslet ukoll biex tarresta lil Paul Anthony Pisani u lil Robert Agius. Gie stabbilit li Kusnodo kien impjegat ta’ Borg u gie rilaxxat, mentri l-hames persuni l-ohra tressqu akkuzati b’dan ir-reat.

Il-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda fuq dan il-kaz. L-Ufficjali Prosekuturi kollha xehdu u spjegaw kif l-investigazzjonijiet li ghamlu wasslu biex gew identifikati l-persuni koncernati. Spjegaw kif saret l-operazzjoni, u kif gew arrestati l-hames imputati. Spjegaw ukoll kif id-dghajsa ‘Blue Dolphin I’ kienet qed tigi segwita minn fuq il-bahar minn skwadra tal-ALE, u kif din baqghet tigi sorveljata sa ma giet intercettata. Id-dghajsa giet segwita md-direzzjoni t’Ghawdex, niezla lejn id-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar, u intlemhet titrakka mal-moll ta’ Ghajn Fekruna. Il-hin kien tard bil-lejl, bejn l-10 u l-11 ta’ Lulju. Ma genb id-dghajsa, fuq il-moll, kien hemm zewg persuni ohra jghabbu l-kaxex li kienu qed jinhattu minn fuq id-dghajsa u jqeghduhom fuq in-naha ta’ wara ta’ vann kbir abjad. Hekk kif intervjenew il-Pulizija, abbord id-dghajsa instab il-kaptan, Michael Borg, u impjegat tieghu barrani jismu Kusnodo. Komplew jispjegaw ukoll kif il-vann li kien qieghed fuq il-moll hdejn id-dghajsa telaq minn fuq il-post izda baqa’ jigi osservat u segwit minn membri tal-RIU sa ma gie mwaqqaf fejn il-mini ta’ Santa Venera. Ghalhekk minn din l-operazzjoni gew arrestati Michael Borg u l-impjegat tieghu Kusnodo, kif ukoll iz-zewg persuni li kienu fil-vann, Anthony Cremona u Shannon Cauchi. Qalu wkoll li l-imputati gew interrogati u rrilaxxaw stqarrija, fejn ma wiegbux ghall-involviment taghhon. Fil-11 ta’ Lulju il-vann gie spezzjonat fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, fejn inhattu l-kaxxi kollha li kien hemm fih, fil-presenza ta’ Anthony Cremona. Fuq dawn l-istess kaxxi u fuq il-boroz li kienu mdawrin maghhom saru ezamijiet forensici, u ttiehdu ritratti tal-operazzjoni u tal-kontenut ta’ dawn il-kaxxi.

Huma komplew bl-investigazzjonijiet taghhom, fejn irrisultalhom li seta’ kien hemm aktar persuni involuti fit-twettiq ta’ dan ir-reat, u ghalhekk sussegwentement kienu gew arrestati Paul Anthony Pisani u Robert Agius, li wkoll kienu gew interrogati u wkoll ma wiegbux ghad-domandi li sarulhom. Saret ID parade ukoll fil-konfront ta’ dawn iz-zewg persuni, kif ukoll fuq zewg persuni ohra, fejn ix-xhud Kusnodo, l-impjegat ta’ Michael Borg ta’ nazzjonalita’ Indonezjana, kien mitlub jidentifika lil min kien qed jaghraf bhala persuna jew persuni involuti f’dan ir-reat. Ix-xhud gharaf lil Pisani u lil Agius, u ghalhekk dawn tressqu ukoll ma’ Borg, Cremona u Cauchi, izda m’gharafx lil zewg persuni ohra, li ghalhekk inhelsu mill-Pulizija u ma ttiehdu ebda passi fil-konfront taghhom. In-notamenti tal-ID parade huma esebiti fl-atti. Il-Prosekuzzjoni esebiet diversi dokumenti f’dan ir-rigward, in sostenn ta’ dan kollu. Fosthom hemm l-istqarrijiet tal-imputati, il-kwereli tad-dipartiment tad-Dwana (dok JC1 a fol 85), tal-VAT (dok IA1 a fol 110), u tad-Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura (dok IA2 a fol 112), il-kuntratt tal-kiri tal-vettura HQZ 083 (dok IA8 a fol 129), u ricevuta tal-

kontenut tal-vann maqbud bis-sigaretti (dok IA9 a fol 130). L-Ufficjali Prosekuturi kkonfermaw ukoll li f'dan il-kaz ma kienetx infethet inkjesta. Ix-xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni li huma membri tal-Korp tal-Pulizija kollha spjegaw fid-dettall x'kien l-involviment taghhom f'din l-operazzjoni, u kollha xehdu b'mod li kull parti tal-investigazzjoni giet hekk ikkorroborata.

Minn ezami tal-provi kollha, il-Qorti sejra tissenjala s-segwenti. PS 659 Hughes esebixxa r-rapport tieghu (dok JH1 a fol 420), fejn hu kien eleva impronti digitali minn fuq il-kaxxi u l-boroz suwed li kienu fil-vann in kwistjoni. Dawn l-impronti gew imqabbla ma' dawk tal-hames imputati minn Joseph Mallia, espert imqabbad minn din il-Qorti, li sab impronta wahda li taqbel ma' dik ta' Michael Borg (dok JM1 a fol 597). Ghalhekk, apparti li Borg kien inqabad fuq id-dghajsa meta saret l-intercettazzjoni mill-Pulizija, halla impronta digitali fuq kaxxa li kienet fil-vann. Dan jorbot lill-imputat u l-kontenut kollu tal-vann.

Fit-tieni lok, fl-istqarrija rilaxxata minnu, l-imputat Anthony Cremona (stqarrija dok IA7 a fol 125), hin minnhom jammetti li fil-vann kellu sigaretti f'numru kbir ta' kaxxi (fol 126), u kien iffirma wkoll ricevuta ta' dan. Din il-prova ghalhekk torbot lil Cremona ma' dan ir-reat mhux biss ghax kien hu li saq l-istess vann minn Ghajn Fekruna sa Santa Venera, fejn gie mwaqqaf mill-Pulizija tal-RIU, izda twassal lill-Qorti sabiex fil-fatt tikkonferma li l-oggetti fil-kaxxi kienu sigaretti, u mhux xi haga ohra. Inoltre, kien Cremona stess li kera l-istess vann minn ghand FX Garage, u kopja tal-kuntratt ta' kiri gie esebit ukoll f'dawn il-proceduri. Shannon Cauchi, li kien riekeb fil-vann, bil-fors kien haga wahda ma' Borg u ma' Cremona fit-twettiq ta' dan ir-reat. Il-Qorti ma tistax tippresumi li dan waqa' mis-sema u sab ruhu b'xorti hazina hafna f'dan il-vann. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu Cauchi ma qal xejn, il-Qorti hija konvinta li hu kien qed jassisti lil Cremona fuq il-moll hdejn id-dghajsa sabiex jghabbi l-kaxex ta' sigaretti fil-vann, u zgur kien jaf sew x'inhu jaghmel.

Kwantu ghall-imputati Paul Anthony Pisani u Robert Agius, dawn gew identifikati minn Kusnodo fl-ID parade (a fol 618) bhala persuni li ppartecipaw f'din l-attivita', izda ma giex indikat sew x'kien l-involviment taghhom. Inghad li qabel ma d-dghajsa 'Blue Dolphin I' dahlet San Pawl il-Bahar, din l-ewwel waqfet x'imkien Ghawdex, fejn tnizzlu numru ta' kaxxi, izda dan il-fatt wahdu ghall-Qorti huwa inkonklussiv. Dan qed jinghad ghax din il-prova wehidha, minghajr ma giet ikkorroborata minn prova jew xiehda ohra, mhix bizzejjed ghall-Qorti biex tinstab htija f'Pisani u f'Agius. Kienet biss it-testimonjanza ta' Kusnodo li rabtet lil Pisani u lil Agius ma dan ir-reat, izda fix-xiehda tieghu Kusnodo ma kienx car ghall-Qorti jekk kienx qed jirreferi ghall-operazzjoni ta' kuntrabandu ta' dak il-lejl, jew ta' xi okkazjonijiet ohra, peress illi huwa xehed fuq aktar minn okkazjoni wahda. Huwa minnu li l-akkuzi fil-konfront tal-hames imputati hargu fuq il-"11 ta' Lulju u fil-gimghat u x-xhur ta' qabel", izda ma hemm ebda prova ohra li tikkorrobora din l-asserzjoni ta' Kusnodo. Fil-fehma tal-Qorti, din il-prova wahdanija fil-konfront ta' Pisani u Agius mhix sufficjenti ghal sejbien ta' htija, u ghalhekk huma ser jigu liberati. Kwantu, izda, ghal Borg, Cremona u Cauchi, hemm provi bizzejjed biex tinstab htija fihom, u ghalhekk il-Qorti sejra taghti piena ta' habs effettiv fil-konfront taghhom, tenut kont il-kwantita' konsiderevoli ta' sigaretti li kienu ser jiddahhlu Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li fil-konfront tal-hames imputati rat l-Artikoli 17, 18, 23, 23A, 23B, 23C, 31, 83A (1), (2) u (4) u 5333 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 60, 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k), 64, 65, 66, 67, 68, 69 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 16(1)(j)(n), 16(4), 17(1)(a)(d), 17(2) u 17(5) tal-Kap 382 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 80 u 81 tal-Kap 406 tal-Ligijet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Michael Borg wahdu rat l-Artikoli 13, 29A, 30, 31 u 35 tal-Kap 425 u ir-Regolamenti 3 u 4 ta' Legislazzjoni Sussidjarja 425.08, taht Kap 425 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Shannon Chauci wahdu rat l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputati **Paul Anthony Pisani** u **Robert Agius** hatja, u ghaldaqstant tilliberahom;

Issib lill-imputati **Michael Borg**, **Anthony Cremona** u **Shannon Cauchi** hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannahom ghal piena ta' tlitt (3) snin prigunerija kull wiehed.

Inoltre tikkundannahom ukoll kull wiehed ghal multa ta' erba' mija w tmienja w tmenin elf, sebgha w sebghin Ewro, sitta w tmenin centezmu (€488,077.86), li terz minnhom, u cioe' mija w tnejn u sittin elf, sitt mija w tnejn u disghin Ewro, tnejn u sittin centezmu (€162,692.62) huma dovuti bhala dejn civili lid-Dwana.

Lil **Michael Borg** wahdu tikkundannah ukoll ghal multa ta' tlitt mija w disgha w sebghin Ewro, tmien centezmi (€379.08), li terz minnhom, u cioe' mija w sitta w ghoxrin Ewro, sitta w tletin centezmu (€126.36) huma dovuti bhala dejn civili lid-Dwana.

Tordna l-konfiska tad-dghajsa 'Blue Dolphin I', kif ukoll tas-somma ta' hames mitt Ewro (€500.00) rappresentanti l-vettura HQZ 083, u tas-sigaretti kollha maqbuda.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**